MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Numru. 417/2002

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Massimo Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Massimo Galea, ta 27 sena, bin Emanuel u Maria nee' Mazzitelli, imwieled Pieta' fis-26 ta' Frar, 1980, residenti Block G2, Flat 1, Triq L-Istitatur, Mosta, detentur bil-karta ta' l-identita' numru 134680(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Dicembru, 2001 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fil-11 ta' Jannar, 2002, ghall-habta tal-11.30a.m. fil-Floriana, ikkommetta serq ta' portmoni u mobile phone tal-marka 'Sagem' li l-valur taghhom huwa LM 50 ghad-dannu ta' Yvonne Agius minn Attard, u dan bi ksur ta' l-artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ghall-habta tan-12.30p.m. fil-Pieta', ikkommetta serq ta' portmoni u mobile phone tal-marka 'Ericsson' li l-valur taghhom huwa Lm100 ghad-dannu ta' Anna Zammit mill-Fgura, u dan bi ksur ta' l-artikoli 261 (2), 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor, li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Ottubru, 1998 (Magistrat Dr Noel Cuschieri LL.D.)

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 9 ta' Ottubru 2002 (a fol. 13 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura

sommarja, kif ukoll l-Ordni datata 17 ta' Mejju 2002 mahruga mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol. 4 tal-process).

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-2 ta' Lulju, 2002 (*folio* 6) *ai termini* ta' l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ssemghat l-ammissjoni ta' l-imputat, kif registrata fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2002 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2007 fejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax stante li fis-sentenza indikata fic-citazzjoni l-imputat kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena minn meta inghatat is-sentenza u ghalhekk din il-mizura ma trendix lill-imputat hati ai termini tal-Artikoli 49 u 50 ta-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv ghall-akkuza li huwa rrenda ruhu recediv mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat stante li din ma tirizultax pruvata.

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzjoni u d-Difiza qablu li l-imputat, li kellu problema mill-abbuz tad-droga meta inhargu l-akkuzi odjerni, illum ittermina b'success programm tas-SATU u llum qabad it-triq it-tajba. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 22 u r-Raba u s-Sitt Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ir-Regolament 8 ta' GN 292 tal-1939 kif susegwentement emendat, u l-Artikoli 284, 261(c), 263, 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta

tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv ghall-akkuza ta’ recidiva mill-liema huwa qed jigi liberat ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu
7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permess taghha tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

Massimo Galea ghandu jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Massimo Galea kull sitt xhur bil-miktub.

Massimo Galea ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------